MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-25 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 722/1999/1

**Albert Pace Cole**

**v.**

**Ic-Chairman tal-Maltacom p.l.c., bhala successur tal-Korporazzjoni TeleMalta, ghan-nom u in rappresentanza tal-Maltacom p.l.c.**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

Dan hu appell minn sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fis-26 ta' Frar 2004. Il-kaz jirrisali ghaz-zmien minnufih wara l-elezzjonijiet generali tal-1987, pero` ghandu jigi precisat li r-rikors promotur quddiem il-Prim Awla gie ppresentat biss fil-11 ta' Novembru 1999, cioe` aktar minn tnax-il sena wara dik l-elezzjoni. Dan qed jinghad mill-bidu nett ta' din is-sentenza ghax f'dan il-kaz it-trapass ta' zmien ma jistax ma jincidix fuq il-provi, fis-sens li jkun aktar difficli, li wiehed jirrikostruwixxi ezattament dak li jkun gara tant snin qabel. Ghall-precizjoni jinghad ukoll li l-parti l-kbira tal-provi f'din il-kawza kienu effettivament instemghu quddiem il-Kummissjoni dwar l-Impiegi (imwaqqfa skond il-Kostituzzjoni) u dan peress li fis-7 ta' Marzu 1996 l-imsemmi Pace Cole – li irtira minn mal-Korporazzjoni Telemalta fl-1 ta' Settembru 1992 – kien ressaq rikors quddiem l-imsemmija Kummissjoni fejn talab rimedju minhabba dak li huwa allega li kien trattament diskriminatorju ghar-raguni ta' politika partiggjana li huwa kien ircieva mill-imsemmija Korporazzjoni. Din il-Qorti – il-Qorti Kostituzzjonali – bhall-Prim Awla qabilha kellha l-kompitu xejn facli li taqra mijiet ta' pagni ta' traskrizzjonijiet ta' deposizzjonijiet u tipprova taghmel sens minnhom.

Fir-rikors promotur tieghu tal-11 ta' Novembru 1999, ir-rikorent, illum appellant, Albert Pace Cole fisser li huwa kien impjegat tal-Korporazzjoni Telemalta u li fl-1987 kien jokkupa l-kariga ta' *Technical Officer II* fit-*Telex Workshop* (maghruf ukoll bhala *Teleprinter Workshop*) f'San Gorg, San Giljan, fejn huwa kien jigi immedjatament wara l-*Officer in Charge* ta' dak il-*Workshop* li kien ta' l-istess grad tieghu izda kien *senior* tieghu. Huwa fisser ukoll li xahrejn wara r-rizultat ta' l-elezzjonijiet generali ta' l-1987, huwa inqala' minn fejn kien jahdem bhala *technician* tat-*Telex* u ntbaghat jahdem fl-*Exchange* tat-*Telephone* f'San Pawl il-Bahar, jaghmel xoghol li ma kellux x'jaqsam mas-sengha tieghu. Skond l-appellant dan it-trasferiment ma kienx gustifikat, u kien "motivat minn ragunijiet politici". Huwa jghid li dan it-trasferiment kien ta' pregudizzju ghalih u tellfu wkoll promozzjoni li kien jisthoqqlu. Kompla fisser li in segwitu huwa rega' gie trasferit, din id-darba ghall-*Maritime Station* ta' Benghajsa, fejn ix-xoghol ma kienx

kompatibbli mas-sengha tieghu u fejn spicca taht *Technical Officer II* li kien *junior* tieghu, u hekk dam ghal madwar hames snin minghajr ma nghata ebda xoghol x'jaghmel. Skond l-imsemmi Cole fir-rikors promotur tieghu, anke dan it-trasferiment ghal Benghajsa kien dovut ghat-twemmin politiku tieghu. Huwa kompla jghid li huwa kien adixxa l-Kummissjoni dwar l-Impiegi, izda ma hax sodisfazzjoni; kompla jghid li hu kien jemmen li t-trattament li huwa kien ircieva, mill-1987 sakemm irtira mill-impieg, "kien diskriminatorju u dovut ghat-twemmin politiku" tieghu, b'konsegwenza li minhabba t-trattament li ghalih gie suggett fl-impieg huwa sofra pregudizzju kbir. Premess dan kollu, huwa kompla hekk:

**"Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li t-trattament li l-Korporazzjoni Telemalta issuggettat lir-rikorrent ghalih mis-sena 1987 'l quddiem kien diskriminatorju u leziv tad-dritt fondamentali tieghu li ma jkunx trattat b'mod diskriminatorju mhabba l-opinjonijiet politici tieghu, bi ksur tal-provvedimenti ta' l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u bi ksur tal-provvedimenti tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u l-Onorabbli Qorti hija umilment mitluba sabiex taghti lir-rikorrent ir-rimedji li tiddeciedi li huma xierqa fic-cirkostanzi tal-kaz."**

Bir-risposta taghha tal-14 ta' Dicembru 1999, is-socjeta` intimata, illum appellata, fissret fl-ewwel lok li, galadarba l-kwistjoni ta' trattament diskriminatorju fuq ix-xoghol kien ingieb quddiem il-Kummissjoni dwar l-Impiegi u dik il-Kummissjoni kienet waslet ghall-konkluzjoni li huwa ma kienx ipprova l-kaz tieghu, huwa ma setax issa jitlob ir-rimedju li kien qed jitlob lill-Prim Awla fil-kompetenza kostituzzjonali taghha. Fit-tieni lok l-imsemmija socjeta` qalet li r-rikorrent ma nkisrulu ebda drittijiet fondamentali ghar-ragunijiet moghtija minnu, u dan peress li – kif del resto sabet ukoll il-Kummissjoni msemmija – it-trasferiment tar-rikorrent kien "dettat minn ragunijiet ta' esigenza tal-kumpanija fuq l-istrategija taghha", u li, fi kwalunkwe kaz, l-imsemmija trasferimenti ma gabu ebda telf ta' promozzjoni lill-istess rikorrent u li r-rikorrent "ircieva l-istess trattament li kien jircievi kwalsiasi persuna

ohra li kellha trasferiment fil-kumpanija – xejn izjed u xejn anqas”.

**Is-sentenza ta’ l-ewwel Qorti**

Bis-sentenza taghha aktar ‘l fuq imsemmija, il-Prim Awla tal-Qorti Civili rrespingiet it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra tieghu. Fis-sentenza taghha il-Prim Awla bdiet billi fissret f’certu dettal it-thassib taghha dwar kemm setghet tigi proposta l-kawza li kien qed jipproponi quddiemha r-rikorrent Pace Cole galadarba kien hemm diga` l-pronunzjament tal-Kummissjoni dwar l-Impiegi. Dik il-Qorti innotat, pero`, li s-socjeta` intimata, b’verbal registrat fl-udjenza tat-28 ta’ Frar 2000 kienet irtirat l-eccezzjoni preliminari taghha u cioe` li r-rikorrent “ma kienx intitolat li jadixxi lill-Qorti Kostituzzjonali” [recte: lill-Prim Awla fil-Kompetenza Kostituzzjonali taghha] u deherilha li fic-cirkostanzi kien “ikun ahjar jekk terga’ tezamina l-kaz sabiex tiddeciedi jekk kienx hemm agir diskriminatorju da parti tas-socjeta` intimata, avolja, fl-fehma kunsidrata taghha, tkun qed taghti lir-rikorrent ezami doppju (u forsi tripplu, f’kaz ta’ appell) tal-kaz tieghu”. Issa, quddiem din il-Qorti – cioe` quddiem il-Qorti Kostituzzjonali – il-kwistjoni tar-ritwalita` tal-proceduri minhabba l-gudikat tal-Kummissjoni ma regghetx tqajmet mis-socjeta` appellata; u din il-Qorti ma hix tal-fehma li f’materja hekk delikata bhalma hija r-reklam ta’ ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem ghanda tissolleva hija stess tali materja. Ghalhekk, bhall-ewwel Qorti, din il-Qorti sejra tghaddi biex tinvesti l-kwistjoni ossia kwistjonijiet fil-mertu migjuba quddiemha mir-rikorrent appellant.

L-ewwel Qorti ddisponiet mill-meritu tal-kwistjoni wara li kkunsidrat is-segwenti:

“Issa, biex ikun hemm diskriminazzjoni, skond l-awturi *van Dijk and van Hoof*, kwotati mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza “Xuereb vs Kummissarju tal-Pulizija”, deciza fis-17 ta’ Frar, 1999, irid ikun hemm *“(a) differential treatment of (b) equal cases without there being (c) an objective and reasonable justification, or if (d) proportionality between the aim sought and the means*

*employed was lacking".* Kwindi, biex ikun hemm diskriminazzjoni, mhux bizejjed li wiehed jilmenta li gie trattat hazin jew li gie trattat bi pregudizzju jew bi hsara ghad-drittijiet tieghu, izda dak l-agir irid jigi mqabbel ma' agir fil-konfront ta' persuna ohra fl-istess sitwazzjoni bhar-rikorrenti, u bid-differenza fit-trattament ma jkollhiex spjegazzjoni hlief l-opinjoni politika differenti taz-zewg persuni (ara wkoll "Cacopardo vs Ministeru tax-Xogholijiet Pubblici", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Frar, 1987, u "Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju, 1999).

"Mill-premess ghandu jidher car li r-riferenza li saret mir-rikorrent ghad-decizjoni tat-Tribunal Ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji fil-kaz ta' "Zammit vs Korporazzjoni TeleMalta", deciza fl-4 ta' Lulju, 2001, m'ghandha ikollha ebda rilevanza ghall-mertu ta' dan il-kaz. Anke jekk ir-rikorrent f'dawk l-proceduri, Oscar Zammit, kien fl-istess sitwazzjoni bhar-rikorrent odjern, u anke jekk, per analogija jkun jista' jinghad li saret xi ingustizzja mar-rikorrent odjern, dan ma jfissirx li kien hemm diskriminazzjoni politika. Wiehed jista' jigi *singled out* ghal trattament inuman, jew mehud lilu l-proprjeta' tieghu minghajr kumpens xieraq, jew soggett ghal diversi ingustizzji (ilmenti dawn li kollha jistghu jkunu l-oggett ta' kawzi bbazati specifikament fuqhom), izda dan ma jwassalx ghal trattament diskriminatorju, sakemm ma jkunx hemm persuna, f'sitwazzjoni identika, li tkun giet ittrattata differenti. Anzi, jekk kif irid r-rikorrent, isir qbil mal-kaz ta' Oscar Zammit, wiehed jista' jasal ghall-konkluzzjoni li t-tnejn gew trattati l-istess u mhux b'mod differenti!

"Fil-kawza "Spiteri vs Mejlaq noe" , deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru, 1994, instab kaz ta' diskriminazzjoni mhux ghall-fatt biss li r-rikorrent ma kienx jinghata *overtime* fid-Drydocks, izda ghax haddiema fl-istess sitwazzjoni bhal tieghu, inghataw *overtime*, u d-differenza kienet li l-haddiema l-ohra kienu affiljati fil-*General Workers Union* u r-rikorrent le. Kien minhabba dan it-trattament differenti, mhux bazat fuq ragunijiet

accettabbli f'socjeta' demokratika, li dik l-Onorabbli Qorti sabet kaz ta' diskriminazzjoni.

"Issa, fil-kaz in ezami, ma jirrizultax trattament differenti fuq bazi ta' opinjoni politika. Fil-fatt, jirrizulta li wara l-elezzjoni tal-1987 saru diversi *transfers* (b'kollox 280) u ma jirrizultax la li gew *transferred* haddiema ta' fehma politika partikolari biss, u lanqas li r-rikorrent inghata *transfer* partikolari jew specjali minhabba l-impenn politiku tieghu. Fil-fatt, jirrizulta li hu tnehha mill-*workshop* ta' San Giljan, mhux minhabba l-veduti politici tieghu, izda ghax hemmhekk kellu l-ghedewwa, u dan, ukoll, mhux minhabba l-politika izda ghax, kif xehed Edward Chetcuti, kien bniedem "zbukkat" hafna, fis-sens li "kelma jghidha u certu nies ma kienux jiehdu pjacir b'dik l-attitudni tieghu". L-argumenti li kienu jinqalghu ma kienux biss dwar il-politika, izda wkoll dwar *football* u affarijiet ohra, u, minhabba l-attitudni tieghu, l-argumenti gieli tant kibru li l-haddiema kwazi gew fl-idejn.

"Jirrizulta wkoll li meta r-rikorrent gie *transferred* ghal San Pawl il-Bahar, l-ilment principali tieghu kien determinat mill-fatt li l-post gdid tax-xoghol tieghu kien il-boghod min fejn joqghod (ir-rikorrent minn Santa Lucia), u ma giex allegat li t-*transfer* kien wiehed politiku. Is-socjeta' ntimata offriet li tibghatu z-Zejtun, vicin fejn joqghod, izda ma riedx imur hemm ghax ma kienx jaf in-nies li kienu jahdmu f'dak l-exchange. Saritlu, imbaghad, offerta li jmur fil-*Maritime Station* ta' Benghajsa, limiti ta' Birzebbuga, u r-rikorrent accetta li jmur hemm ghax kien jaf in-nies li jahdmu hemm, avvolja x-xoghol kien ukoll, ftit jew wisq, estraneu ghalih. Hemmhekk, jirrizulta, kien hemm xoghol li jsir, pero', ir-rikorrent deher li ma kienx propens li jipprova jitghallem ix-xoghol il-gdid li kien isir f'dak l-istazzjon, u kien jippreferi joqghod jaqra l-gazzetti u jigbor il-bebbux! *Nonostante* li l-*output* tieghu kien kwazi *nil,* ma giex iddixxiplinat u ma ttiehdu ebda passi kontra tieghu, li juri li ma kienx gie *singled out* ghall-vendikazzjoni minhabba t-twemmin politiku tieghu.

"Ghar-rigward tan-natura tax-xoghol tar-rikorrent, jigi spjegat li r-rikorrent hu ex-impjegat tal-*Cable & Wireless*

*Limited*, kumpanija privata li kienet tiehu hsieb il-kommunikazzjoni tat-*telexes* f'Malta; it-*telephone* kien jitmexxa dejjem mill-Gvern. Wara l-Elezzjoni Generali tal-1971, il-Gvern inkorpora s-sistema tat-*telephones* fil-Korporazzjoni TeleMalta, u wara li wasal f'arrangament mal-kumpanija *Cable & Wireless*, il-Gvern ha taht idejh ukoll il-komunikazzjoni bit-*telexes*, u inkorpa din is-sistema fil-Korporazzjoni TeleMalta. Ir-rikorrent ghazel li jmur mat-TeleMalta meta l-*Cable & Wireless* waqfet topera hawn Malta, u b'hekk spicca f'Korporazzjoni li kienet tiehu hsieb il-mezzi kollha ta' kommunikazzjoni hawn Malta. Ir-rikorrent allura, ma setghax ikompli jinsisti li hu jahdem biss fuq is-sistema tat-*telexes*, meta hu stess ghazel li jmur ma' socjeta' li kienet timmanigja kemm it-*telexes* kif ukoll it-*telephones*. Impjegati ta' din il-Korporazzjoni kellhom jistennew li jkun hemm certu ammont ta' flessibilita', u jahdmu fuq it-*telexes* u/jew it-*telephones* skond l-esigenzi. Anke dwar dan, ir-rikorrent ma jidhirx li saret diskriminazzjoni mieghu.

"Inoltre, l-mezzi ta' komunikazzjoni kienu u ghadhom jizviluppaw u jinbiddlu maz-zmien, u haddiem f'dak il-qasam ma jistax jghid li la darba hu hadem biss fuq it-*telexes*, kellu bilfors jibqa' jahdem hemmhekk. Illum, it-*telexes* ftit li xejn ghadhom jintuzaw, u haddiem ma jistax jirrifjuta li jahdem fuq sistemi godda ta' komunikazzjoni ghax dik qatt ma kienet il-linja tieghu. Il-Korporazzjoni ntimata kienet, wiehed jasal biex ighid, pozittiva fil-konfront tar-rikorrent, ghax ghalkemm dan kien jirrifjuta li jitghallem sistemi godda u differenti ta' komunikazzjoni, xorta wahda hallietu fuq il-post tax-xoghol u ma hadet ebda passi dixxiplinari kontra tieghu. Impjegat b'din l-attitudni, mhux ta' b'xejn li ma inghatax *promotion* – hu ried jibqa jahdem fuq sistema ta' komunikazzjoni antikwata, u ma riedx jaggorna ruhu jew juri certa flessibilita' fix-xoghol tieghu. Ma jidhirx, allura, li hu kien jghin lilu nnifsu biex javvanza fuq il-post tax-xoghol, u kienet din, wisq aktar mit-twemmin politiku tieghu, li zammitu lura milli javvanza.

"Meta ntbaghat fl-istazzjoni ta' Benghajsa, ir-rikorrent kellu jiehu ordnijiet minghand persuna fl-istess grad tieghu, izda

li kien *'junior'* tieghu. Ma giex muri xi kwalifiki kellha din il-persuna, ghax wiehed li jkun '*junior*' fiz-zmien tas-servizz, jista' facilment ikun *'senior'* fil-kwalifiki u l-kapacitajiet amministrattivi. F'kull kaz, dan it-trattament jista' jwassal ghall-argument li hu kien gie trattat b'ingustizzja, pero', ma giex muri li ma kien hemm hadd iehor fl-istess sitwazzjoni, jew ahjar, li impjegati ta' twemmin politiku differenti kienu kollha imqieghda f'sitwazzjoni differenti.

"Il-bazi ta' l-azzjoni tar-rikorrent hija diskriminazzjoni politika, u din, fil-fehma tal-Qorti, ma gietx pruvata. Interessanti hija l-ittra li l-*General Workers Union*, l-ghaqda li taghha r-rikorrent kien membru, kitbet lis-socjeta' intimata fl-24 ta' Lulju, 1987, wara t-*transfer* li qala' r-rikorrent. F'dik l-ittra l-*Union* talbet li l-kaz tar-rikorrent jigi trattat fuq bazi umanitarja biex ma jithallix ikompli jahdem San Pawl il-Bahar, ghal fejn ikollu jaqbad zewg karozzi tal-linja mir-residenza tieghu. F'ebda hin ma allegat diskriminazzjoni politika, izda kull ma talbet, fuq bazi umanitarju, hi li r-rikorrent jintbaghat jahdem f'post vicin id-dar tieghu, u s-socjeta' ntimata accettat li taghmel dan.

"Din il-Qorti, ghalhekk, bhal Kummissjoni dwar l-Impjiegi qabilha, ma ssibx li kien hemm xi diskriminazzjoni politika fit-trattament tar-rikorrenti, u ma tarax li r-rikorrent ipprova l-allegazzjoni tieghu li hu gie trattat b'mod diskriminatorju minhabba l-opinjonijiet politici tieghu."

**<u>L-Appell ta' Pace Cole</u>**

L-appellant Pace Cole ressaq is-segwenti aggravji fil-konfront tas-sentenza appellata:

"(a) Is-socjeta` intimata ma ggustifikatx ghaliex id-decizjoni tat-trasferiment tal-appellant minn fuq xoghol li kien ilu jaghmlu ghal numru ta' snin ghal fuq xoghol li huwa ma kienx imharreg ghalih.

"(b) Is-socjeta` intimata ma ggustifikatx ghaliex id-decizjoni tat-traferiment tal-appellant ma ttehditx mill-management taghha, izda minn grupp ta' impjegati li hadu

f'idejhom it-tmexxija taghha wara r-rizultat ta' l-Elezzjoni Generali tal-1987.

"(c) Is-socjeta` intimata ma ggustifikatx l-agir skandaluz taghha li thalli impjegat ma jaghmel xejn ghal hames snin u thallsu xorta talli ma jaghmel xejn.

"(d) Is-socjeta` intimata ma ggustifikatx ghaliex ir-rikorrent gie michud il-promozzjoni fil-waqt li din inghatat lil min kien b'hafna snin anqas minnu fis-servizz u kien taht l-appellant.

"(e) L-apprezzament tal-fatti li rrizultaw mill-provi prodotti li l-ewwel Qorti ghamlet ma kienx korrett u l-ispjegazzjonijiet moghtija ma kienux verosimili u ma jitwemmnux.

"(f) L-agir tas-socjeta` intimata fil-konfront tal-appellant, li l-ewwel Qorti sabet gustifikat, kien ingust, skandaluz, u diskriminatorju. Ma inghatat ebda raguni ghaliex ahjar dik dovuta ghat-twemmin politiku tal-appellant.

"(g) It-trattament li l-appellant ircieva mis-socjeta` intimata kien diskriminatorju fis-sens kemm tal-artiklu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll tal-provvedimenti tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u l-Libertajiet tal-Bniedem."

Is-socjeta` appellata wiegbet li l-ewwel Qorti kienet ghamlet apprezzament korrett tal-fatti; u ziedet tghid hekk: "Mhux minnu illi is-socjeta` appellata esponenti ma iggustifkatx it-trasferiment tal-appellanti minn fuq xoghol li kien ilu jaghmel ghal numru ta' snin ghal fuq xoghol li huwa ma kienx imharreg ghalih. Ma kien hemm xejn diskriminatorju fit-trattament li irceva l-appellanti fis-sens kemm tal-Artiklu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll tal-provvediment tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u l-Libertajiet tal-Bniedem. Sfortunatament ghall-appellanti huwa kien persuna li ma kinex baqa' kapaci jadhem ghall-socjeta [recte: ghas-socjeta`] intimata fis-sens li huwa ma baqax al corrente mal-isviluppi fit-tekonologija tal-

komunikazzjoni u ghalhekk is-socjeta` appellata kienet perfettament gustifikata li ma taghtihx promozzjoni meta dan ma kienx haqqu.  Kwalsiasi promozzjoni li kienet setghet tinghata lill-appellanti kienet tkun ta' detriment ghalija u ghalhekk ma setax kien mistenni li huwa jivvantaggja ruhu minn fuq dar is-socjeta` esponenti."

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

Kif diga` accennat aktar 'l fuq fil-bidu ta' din is-sentenza, il-problema principali f'din il-kawza hija dik tat-trapass taz-zmien. Wiehed irid imur lura ghal Mejju – Lulju 1987 biex jibda jara ezattament x'ghadda minnu l-appellant. Jinghad mill-ewwel li ghalkemm certi affarijiet jirrizultaw sodisfacentement pruvati mill-appellant, jidher li proprju minhabba t-trapass ta' zmien certi affarijiet ohra li huwa kellu jipprova biex jirnexxi f'din il-kawza kostituzzjonali tieghu kienu kwazi impossibbli li jippruvahom, kif sejjer jigi spjegat aktar 'l quddiem. A propositu tat-trapass ta' zmien din il-Qorti, diversament komposta, fil-kawza ***AIC Joseph Barbara et v. Onorevoli Prim Ministru*** (deciza fis-7 ta' Ottubru 1997) kienet qalet hekk (wara li spjegat li l-azzjoni ghar-rivendikazzjoni tad-drittijiet fondamentali ma kienitx preskrivibbli):

**"Dan ma jfissirx li min jippretendi li d-dritt fondamentali tieghu kien gie vvjolat jew kien mhedded ma kellux jadixxi lill-Qorti u jitlob rimedju minnufih. Mhux ghax hekk kien <u>obbligat</u> li jaghmel, imma ghax hekk kien fl-interess tieghu li jagixxi. Hu ovvju illi jekk din il-persuna ma tagixxix tempestivament, hi tkun b'daqshekk biss qed iddaghjjef il-kaz taghha, forsi anke irrimedjabbilment, u jekk il-Qorti ma tkunx sodisfatta mis-serjeta` u mill-gravita` tal-lezjoni tad-dritt fondamentali jew tat-theddida ghalih kif riflessa mill-urgenza ta' l-individwu biex ifittex ridress, l-ilment jista' wkoll jitqies li jkun wiehed frivolu u vessatorju. Dan ghaliex hu kontrosens li wiehed jilmenta minn vjolazzjoni ta' dritt fondamentali u fl-istess waqt bla ebda raguni valida**

**gustifikattiva ma jirreagixxix immedjatament biex tali vjolazzjoni tigi rettifikata."** [1]

L-appellant jinvoka kemm il-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll il-Kostituzzjoni ta' Malta. Issa, l-artikolu tal-Konvenzjoni li jitkellem dwar diskriminazzjoni huwa l-Artikolu 14, li jipprovdi illi:

***"It-<u>tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-konvenzjoni</u> ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, <u>opinjoni politika</u> jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta`, twelid jew status iehor."*** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Kif inhu risaput, dan l-artikolu m'ghandux ezistenza indipendenti. In-nuqqas ta' diskriminazzjoni trid tigi assigurata, u d-diskriminazzjoni trid tigi rimedjata skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 319, jekk din tkun fir-rigward tat-tgawdija, jew nuqqas ta' tgawdija, ta' xi wiehed jew aktar mid-drittijiet u libertajiet kontemplati fil-Konvenzjoni. Kif inghad mill-Qorti ta' Strasbourg fil-kawza ***Abdulaziz, Cabales and Balkandani v. U.K.*** [2]:

**"According to the Court's established case-law, Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence, since it has effect solely in relation to 'the enjoyment of the rights and freedoms' safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not necessarily presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous -, there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter."** [3]

---

[1] Vol. LXXXI.i.39, a pagna 63.
[2] A.94 (1985) 7 EHRR 471.
[3] Para. 71.

Kif tajjeb osservat il-Prim Awla fis-sentenza taghha (f'parti mhux riprodotta hawn fuq), l-appellant, allura rikorrent, ma specfika b'ebda mod liema huwa dak id-dritt jew drittijiet jew liberta` jew libertajiet li fit-tgawdija taghhom huwa kien qed jigi trattat b'mod diskriminatorju. Fil-kors tat-trattazzjoni fl-udjenza tat-2 ta' Gunju 2004, din il-Qorti regghet staqsiet lill-abbili difensur ta' l-appellant liema kienu dawn id-drittijiet jew libertajiet li fit-tgawdija taghhom l-appellant kien qed jallega li gie diskriminat, u Dott. Karmenu Mifsud Bonnici rrefera lill-Qorti, ghalkemm indirettament, ghall-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u ghal trattament "inuman u degradanti" [4].

Kwantu ghall-Kostitizzjoni ta' Malta, id-disposizzjoni relattiva (u invokata anke fir-rikors promotur) – l-Artikolu 45 – hija ftit differenti:

**45(2):** ***Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6), (7) u (8)*** [li ma humiex relevanti ghal dan il-kaz] ***ta' dan l-artikolu, hadd ma ghandu jigi trattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li tagixxi bis-sahha ta' xi ligi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorita` pubblika.***
**45(3):** ***F'dan l-artikolu, il-kelma 'diskriminatorju' tfisser ghoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli ghal kollox jew principalment ghad-deskrizzjoni taghhom rispettiva skond ir-razza, post ta' origini, opinjonijiet politici, kulur, fidi jew sess li minhabba fihom persuni ta' deskrizzjoni wahda bhal dawn ikunu suggetti ghal inkapacitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni ohra bhal dawn ma jkunux suggetti ghalihom jew ikunu moghtija privileggi jew vantaggi li ma jkunux moghtija lil persuni ta' deskrizzjoni ohra bhal dawn."***

[4] Dott. Mifsud Bonnici: "Ghalhekk, sur Imhallef, jien nista' ngib il-Konvenzjoni u nindika lill-Qorti taht liema, liema hu d-dritt fundamentali li gie lez. Imma ma hemmx dubbju, illi t-trattament li wiehed ghandu dritt ghalih bhala impjegat huwa li jigi trattat b'mod uman, u mhux uman li jaghmel hames snin ma jaghmel xejn assolutament. Umiljat b'din il-kwalita`."

Kif inghad, din il-Qorti qrat bir-reqqa kollha l-mijiet ta’ pagni ta’ deposizzjonijiet – hafna minnhom, sfortunatament, kompletament irrelevanti – li nghataw quddiem il-Kummissjoni dwar l-Impiegi biex tkun tista’ taghmel l-apprezzament taghha kompletament indipendenti minn dak li ghamlu kemm il-Kummissjoni kif ukoll il-Prim Awla. Minn dawn il-provi jirrizulta in sostanza is-segwenti:

1. L-appellant kien jahdem bhala *technician* fil-grad ta’ *Technical Officer II* fit-*Teleprinter Workshop* tas-socjeta` appellata (meta din kienet ghadha Korporazzjoni Telemalta), u xoghlu kien bazikament li jsewwi u jmantni l-magni tat-*teleprinter* ossia tat-“telex”. Dan ix-xoghol kien ilu jaghmlu minn meta dahal mal-*Cable and Wireless* fl-1950. F’Mejju tal-1987 huwa kien, bhala *seniority* kif ukoll fil-prattika, is-“second-in-command” f’dan il-*workshop*, u kollox kien jindika li meta tispicca l-persuna li kienet fil-fatt inkarigata minn dan il-hanut (u li kienet waslet biex tispicca fi ftit xhur), kien l-imsemmi Pace Cole li kien ser ikun *in charge* mill-imsemmi hanut.

2. Minnufih wara l-elezzjoni ta’ l-1987, grupp ta’ haddiema, li kienu tal-istess kulur politiku tal-partit li kien rebah dik l-elezzjoni, insedjaw ruhhom fil-*board room* tal-Korporazzjoni fil-Marsa bl-iskop li, ghall-anqas sakem jikkalmaw l-affarijiet u jkun hemm *Chairman* u *Board* gdid, il-Korporazzjoni tibqa tiffunzjoni minghajr, safejn kien possibbli li jigi evitat, xi forma ta’ sabutagg anke f’forma ta’ azzjonijiet industrijali. Jirrisulta sodisfacentement pruvat li f’dawn il-ftit granet wara din l-elezzjoni kien hemm xi trasferimenti ta’ impjegati minn post ghal iehor (ara l-lista ezibita minn David Buttigieg fl-udjenza tat-22 ta’ Jannar 1998 quddiem il-Kummissjoni dwar l-Impiegi), u kollox jindika li dawn it-trasferimenti jekk mhux istigati ghall-anqas kellhom il-beneplacitu ta’ dan il-grupp ta’ haddiema. Jirrisulta wkoll li f’dan il-periodu il-*General Manager* Tony Debono kien aktar preokkupat kif ser jassigura li ma jitnehhix huwa wkoll – minhabba l-fehmiet politici tieghu – milli li jara jew b’xi mod jistaqsi ghala kienu qed isiru certi

trasferimenti ta' haddiema [5]. Mistoqsi ripetutament dwar x'kien ir-rwol tieghu f'dawn it-trasferimenti, Debono dejjem wiegeb li hu kien semplicement jiffirma l-karti li kienu jibghatulu mill-*personnel section* tal-Korporazzjoni. Huwa kien semplici *rubber stamp* ta' dak li kien jiddeciedi haddiehor.

3. F'Gunju ta' l-1987 dahal fil-kariga c-*Chairman* il-gdid (John Scicluna). Fl-20 ta' Lulju 1987 harget *transfer list* ghal 17 impjegat tal-Korporazzjoni (ara l-lista ezibita mix-xhud Michael Debono fl-udjenza tat-13 ta' Frar 1997 quddiem l-imsemmija Kummissjoni [6]). Din kienet debitament iffirmata mill-*General Manager*. Skond din il-lista, l-appellant Pace Cole gie trasferit ghall-*exchange* ta' San Pawl il-Bahar. F'San Pawl il-Bahar (apparti li Pace Cole kien ser ikollu hafna aktar boghod biex jasal ghal fuq ix-xoghol peress li huwa kien joqghod Sta. Lucia) ma kien hemm ebda xoghol li kien fil-linja tas-sengha ta' l-appellant. Fuq parir ta' min sar it-trasferiment ta' Pace Cole, jew ghal liema raguni sar, baqa' ma giex stabbilit. Immedjatament l-appellant hareg bis-*sick leave* u dam hekk sa Marzu 1988. In segwitu huwa gie trasferit ghal Benghajsa. Kif jew min ezattament kien responsabbli ghal dan it-trasferiment ma hux ghal kollox car. Karmenu Dalli, fid-diversi deposizzjonijiet tieghu, donnu jiehu l-paternita` ghal dan it-trasferiment li baqa' “mhux ufficjali” – fis-sens li skond ir-*records* tal-Korporazzjoni Pace Cole kien ghadu mnizzel bhala li kien San Pawl il-Bahar – u jghid li dan ghamlu “bi pjacir” ghal Pace Cole biex dan ikun aktar vicin id-dar tieghu. Minn naha l-ohra, l-appellant donnu jattribwixxi l-fatt li hu gie mibghut Benghajsa ghal suggeriment li kien ghamillu c-*Chairman*, John Scicluna, ukoll biex dan ikun aktar vicin id-dar tieghu. Infatti, fid-deposizzjoni tieghu tat-30 ta' Mejju 1996 quddiem il-Kummissjoni dwar l-Impiegi, l-appellant odjern kien qal hekk:

[5] Fil-fatt is-sur Debono inzamm bhala *General Manager* ghal hafna snin wara.

[6] Jidher li fl-20 ta' Lulju 1987 kien hemm aktar minn *transfer list* wahda, u dan peress li mill-lista ezibita minn David Buttiegieg fit-22 ta' Jannar 1998 jirrizulta li f'dak il-jum 29 impjegat gew trasferiti u mhux biss 17.

**Pace Cole: "Imbaghad wara c-Chairman baghat ghalija ghax kellmu s-Sur Anglu Fenech fil-presenza ta' Pawlu Mifsud l-i*steward* taghna kien u qalli certi affarijiet, qalli hemm** [postok fil-*teleprinter workshop*] **mhux ser jiehdu hadd, hemm iffrizat u qalli ha nibghatek iz-Zejtun, ghidtlu ma nixtieqx. Ghidtlu ma nixtieqx wara 38 sena jien nerga' mmur nibda mill-gdid ma' nies li qatt ma hdimt maghhom."**

**Avukat: "Iz-Zejtun fuq il-cable and wireless jew fuq it-telephone?"**

**Pace Cole: "Le, dik kont ser nghidlu, iz-Zejtun jigifieri fuq xoghol differenti, lanqas m'hu xoghol tieghi jigifieri xorta fuq l-internal. Imbghad qalli tridx nibghatuk Benghajsa, ghidtlu Benghajsa mmur, ghidtlu ghax Benghajsa tfal li trabbejt maghhom hemmhekk jigifieri nafhom u dana wara 38 sena u nofs, mort Benghajsa."**

4. F'Benghajsa l-appellant baqa' ma gie assenjat ebda xoghol, b'mod li, sakemm gie biex irtira, hu kien jirraporta f'din it-*Maritime Station* izda kien jispicca jqatta' z-zmien jiekol, jaqra l-gazzetti u jitfa' l-gebel lill-gremxul waqt passeggati fl-inhawi. Din il-Qorti hi sodisfatta li biex Pace Cole jaghmel xi xoghol f'din l-i*station* huwa kellu jinghata tahrig gdid, peress li f'Benghajsa ma kienx hemm xoghol fil-linja tieghu ta' magni tat-"telex". La jirrizulta li Pace Cole talab li jitharreg, u anqas jirrizulta li l-Korporazzjoni offriet li b'xi mod tharrgu.

5. Dak li rrizulta, pero`, hu li fit-*teleprinter workshop* wara li kien gie trasferit Pace Cole kienu marru zewg haddiema ohra f'dak il-hanut; irrizulta wkoll li meta spicca min kien effettivament inkarigat minn dak il-hanut, lahqet naturalment persuna ohra. Sinjifikanti f'dan ir-rigward huma zewg fatti li gew ukoll sodisfacentement pruvati. L-ewwel fatt hu li s-snin 1987, 1988 kienu snin meta t-"telex" kien ghadu fl-aqwa tieghu, u li kien biss mis-sena 1988 li t-talba ghal dan is-servizz bdiet tonqos, ghalkemm sa ma Pace Cole gie biex jirtira dan is-servizz kien ghadu jezisti

u jigi provvdut mill-Korporazzjoni (ara d-deposizzjoni ta' Tony Rizzo minnu moghtija fil-11 ta' Marzu 1999 quddiem il-Kummissjoni dwar l-Impiegi). It-tieni fatt – u dan hu aktar importanti ghall-finijiet ta' din il-kawza – jirrizulta mid-deposizzjoni ta' Pawlu Mifsud, ix-*Shop Steward* tal-General Workers Union, li dak iz-zmien kien responsabbli wkoll mit-*teleprinter workshop*, ta fit-28 ta' Jannar 1999 quddiem il-Kummissjoni dwar l-Impiegi. Skond dan ix-xhud mill-elezzjoni tal-1987 sa kwazi hamsa jew sitt snin wara, l-uniku trasferiment ta' haddiem mit-*teleprinter workshop* ghal x'imkien iehor kien dak ta' l-appellant odjern. L-impjegati l-ohra kollha f'dan il-hanut jidher li baqghu hemm u, meta l-hanut gie trasferit minn San Gorg ghaz-Zejtun, marru z-Zejtun.

6. Jirrizulta wkoll [7] li, wara li l-appellant gie trasferit mill-hanut in kwistjoni ghal San Pawl il-Bahar u wara – b'mod mhux ufficjali pero` bil-kunsens tieghu – ghal Benghajsa, huwa kien applika ghal promozzjoni ghal *Technical Officer III*. Mieghu applikaw 'l fuq minn mija w hamsin persuna ohra. Meta hareg ir-rizultat, l-appellant gie kklassifikat l-ahhar wiehed. Kien hemm sejha ghal applikazzjoni ohra ghal gradi oghla, izda l-appellant, peress li kien baqa' fit-tieni klassi – *Technical Officer II* – ma kienx jikkwalifika biex japplika.

## Konsiderazzjonijiet ulterjuri

Dawn, mela, huma *in a nutshell* l-provi. Jibda biex jinghad li, bhal f'kull kawza ohra, kien l-appellant, allura rikorrent li, quddiem il-Prim Awla, kellu jipprova, sal-grad li trid il-ligi f'kawzi ta' natura civili, dak li kien qed jallega, u cioe` li kien hemm il-presupposti kollha fattwali li jwasslu ghal lezjoni tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni abbinat ma' l-Artikolu 3 ta' l-istess Konvenzjoni.

Din il-Qorti m'ghandhiex dubbju li l-appellant Pace Cole sofra ingustizzja u umiljazzjoni meta l-*management* tal-Korporazzjoni Telemalta, f'Lulju 1987 ittrasferih, minghajr

[7] Ara d-deposizzjoni ta' David Buttigieg tal-5 ta' Novembru 2003 moghtija quddiem il-Prim Awla, fol. 75 *et seq.* tal-atti.

ebda spjegazzjoni ta' xejn, mill-hanut fejn kien ilu jahdem mill-1950 ghal post fejn ma kien hemm ebda xoghol li huwa seta jaghmlu, u dan meta fit-*teleprinter workshop* kien hemm xoghol li huwa seta' jaghmel. Il-Korporazzjoni msemmija ma tistax tistahba – kif ghamlet quddiem il-Kummissjoni dwar l-Impiegi, u kif baqghet taghmel quddiem il-Prim Awla u quddiem din il-Qorti – wara l-paraventu ta' "l-esigenzi tas-servizz". L-appellant ipprova sodisfacentement li ma kien hemm ebda raguni valida ghal dan it-trasferiment – ma kien jaghmel sens ta' xejn li l-Korporazzjoni tibghat persuna u thallih f'post ma jaghmel xejn ghal numru ta' snin u tibqa' thallsu talli ma jaghmel xejn! Il-Korporazzjoni, min-naha taghha, qatt ma spjegat (1) ghala ttrasferiet lill-appellant u (2) fuq parir jew ordni ta' min ittrasferietu. U f'dan is-sens l-appellant huwa altru milli gustifikat li jilmenta dwar l-"agir skandaluz" tal-imsemmija Korporazzjoni. Thares kif thares lejn il-fatti kif avveraw ruhhom u kif jirrizultaw pruvati, din il-Qorti ma tistax ma tasalx ghall-konkluzzjoni inezorabbli l-appellant tnehha mit-*teleprinter workshop* mhux ghax hekk kienu jitolbu l-esigenzi operattivi jew kummercjali tal-kumpanija, izda ghax kien "skomdu" ghal xi hadd. Pero` sa hawn biss irnexxielu jasal l-appellant – u dan, probabbilment, ghar-raguni msemmija aktar 'l fuq f'din is-sentenza, u cioe` li huwa dam daqshekk biex jiftah din il-kawza (dam hafna wkoll biex jibda l-kawza quddiem il-Kummissjoni dwar l-Impgiegi). Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul dwar il-provi, ma tistax tasal ghall-konkluzjoni li l-appellant gie trasferit ghall-*exchange* ta' San Pawl il-Bahar (u, in segwitu, b'forma ta' ftehim mieghu stess, ghal Benghajsa) "ghal kollox jew principalment" minhabba l-fehemiet politici tieghu. Din il-Qorti hi konfortata f'din il-konkluzzjoni taghha mill-fatt li, wara li sehh it-trasferiment u sa ma l-appellant wasal biex irtira minn mal-Korporazzjoni, la hu u lanqas il-*Union* li hu kien membru taghha qatt ma lmentaw minn diskrimiazzjoni politika [8]. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-fatt li l-appellant kien attiv fil-Partit Laburista certament ma ghenx

[8] Anke wara li Pace Cole spicca mill-impieg tieghu, ma jirrizultax li l-G.W.U. ghamlet xi rimostranza dwar diskriminazzjoni politika fir-rigward ta' l-imsemmi Pace Cole.

biex huwa jibqa' fit-*teleprinter workshop* [9], pero` b'daqshekk ma jistax jinghad li li t-trasferiment tieghu sehh ghal kollox jew principalment minhabba l-fehmiet politici ta' l-istess appellant. Kien ikun differenti, per ezempju, kieku huwa pprova li dawk shabu l-ohra tat-*teleprinter workshop*, jew il-parti l-kbira taghhom, li kollha baqghu f'posthom insertaw li kienu ta' fehemiet politici differenti minn tieghu, jew li min hadlu postu fil-hanut kien ta' tali fehemiet politici differenti. Bil-fatt li huwa gie trasferit f'post fejn ma setax ihaddem is-sengha tieghu jista' jinghad li huwa sofra "inkapacita`" jew "restrizzjoni" (fis-sens tas-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni) ghax huwa ovvju li jekk wiehed jinqata' mis-sengha tieghu u ghal snin ma jaghmel xejn, meta jigi biex jikkompeti ma' haddiehor f'konkors ghal promozzjoni, huwa ser ikun zvantaggjat; pero` biex ikun hemm id-diskriminazzjoni fis-sens ta' l-imsemmi subartikolu irid jirrizulta wkoll li persuni "ta' deskrizzjoni ohra bhal dawn" (f'dan il-kaz persuni ta' fehemiet politici differenti minn dawk ta' l-appellant) ma kienux suggetti ghal tali "inkapacitajiet" jew "restrizzjonijiet" jew, alternattivament, li nghataw "privileggi jew vantaggi" li ma nghatawx lill-appellant. Dan l-appellant ma ppruvahx. Konsegwentement ma jistax jinghad li gie pruvat li kien hemm lezjoni ta' l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

Kwantu ghall-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, galadarba ma jistax jinghad li t-trattament li rceva Pace Cole kien jammonta ghal trattament "inuman jew degradanti" -- mhux kull trattament ingust jew hazin neccessarjament ikun ta' tali gravita`, fih innifsu jew fil-konsegwenzi tieghu, li jammonta ghal trattament "inuman jew degradanti" [10] -- fis-sens tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, ma hemm ebda lok li wiehed jikkunsidra aktar l-imsemmi Artikolu 14.

Fl-ahharnett, kwantu ghall-promozzjoni jew promozzjonijiet – jew ahjar il-fatt li huwa ma nghatax

[9] Ara f'dan il-kuntest id-deposizzjonijiet ta' Carmelo Dalli tas-17 ta' April 1997 quddiem il-Kummissjoni dwar l-Impiegi, u ta' Edward Chetcuti tas-7 ta' Novembru 1996 (ukoll quddiem il-Kummissjoni).

[10] Ara van Dijk u van Hoof ***Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*** Kluwer (The Hague), 1998, pp.309-315.

promozzjoni – din il-Qorti, apparti dak li nghad aktar ‘l fuq f’din is-sentenza dwar il-mod ingust ta’ kif huwa gie trasferit fl-ahhar ftit snin li huwa kellu biex jaghmel mal-kumpanija (b’mod li seta gie svantaggjat meta gie biex jikkompeti ma’ ohrajn), ma jirrizulta li sar xejn fil-process tal-ghazla ta’ dawk li hadu promozzjoni li kien jammonta ghal diskriminazzjoni bi ksur tal-ligi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti sejra tichad l-appell u tikkonferma l-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti, hlief ghall-kap ta’ l-ispejjez. Fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz hija l-fehma ta’ din il-Qorti li kemm l-ispejjez tal-ewwel istanza kif ukoll dawk ta’ din l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Ghall-motivi premessi tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss f’dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant ihallas l-ispejjez kollha u minflok tordna li dawn jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti, izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija u cioe` fejn cahdet it-talbiet tar-rikorrent kif migjuba fir-rikors promotur tieghu tal-11 ta’ Novembru 1999. L-ispejjez ta’ dana l-appell ukoll ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------